# ŻVILUPP TAL-MIXEGĦLA TAL-FESTI

Fi żmienna, l-aktar iż-żgħażagħ, bilkemm jieqfu jaħsbu dwar id-diffikultajiet tal-mixegħla tal-festi li kellna fl-imgħoddi. Issa kull tifel ċkejken jista' jagħfas swiċċ u jixgħel ir-raħal kollu b'eluf ta' bozoz bid-dawl elettriku. Dan l-elettriku daħal f'Malta fl-aħħar snin tas-seklu dsatax, ftit aktar minn mitt sena ilu, bil-*power station* tal-Furjana, u dam snin sewwa biex laħaq kullimkien. Din is-sena 2001 nistgħu nfakkru l-75 anniversarju minn mindu d-dawl elettriku beda jaħdem indipendenti fit-Tokk, Għawdex, u wasal ukoll, fost l-oħrajn, sa Ħal Tarxien, Ħaż-Żebbuġ (fejn xegħlu l-faċċata tal-knisja l-ewwel darba). Wasal ukoll f'Ħal Qormi. Fost oħrajn daħal fil-knisja ta' San Sebastjan, meta kienet għadha viċi-parroċċa.

Għall-ewwel ma kienux isiru festi esterni, imma biss il-Liturġija fil-knisja. Il-knejjes ma kienux kbar, u kienu jixegħlu xi ftit fjakkli fuq ix-xfar. Il-fjakkli kienu bwieqi tal-fuħħar mimlijin biż-żift, xaħmijiet u materjal ieħor żejtni bi ftila mdeffsa fihom. Ġieli wkoll xegħluhom fil-knejjes, imma kienu jgermdu kullimkien, u għalhekk kienu jħalluhom għal barra biss, filwaqt li ġewwa kienu jixegħlu bosta xema', dejjem skond il-mezzi finanzjarji.

Meta bdiet tikber il-popolazzjoni, jikbru l-irħula, u jikbru l-knejjes, beda jsir aktar dawl tal-fjakkli fuq barra, u fuq xi bjut fit-toroq. Bosta familji kienu jixegħlu lampi, fanali, msiebaħ u xemgħat wara t-twieqi waqt li tgħaddi l-purċissjoni.

Fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, meta fl-Ewropa saret l-hekk imsejħa rivoluzzjoni industrijali, minħabba l-invenzjoni ta' magni li jaħdmu bl-istim u l-elettriku, bdew jinħadmu bosta affarijiet bil-*mass production*, għalhekk saru aktar irħas u numerużi. Fost dawn, li jinteressawna kienu l-eluf ta' tazzi tal-ħġieġ trasparenti kuluriti, li bihom bdew jixegħlu t-toroq u l-faċċati tal-knejjes fil-festi f'bosta postijiet Ewropej, u l-Maltin għamlu bħalhom.

Meta kienet tasal festa, kienu jikru eluf minn dawn it-tazzi, jew iqabbdu kuntrattur apposta biex jieħu ħsieb kollox biex idendluhom u jixegħluhom. Dawn it-tazzi kollha għandhom għafsa lejn xifirhom biex toħloq bħal xoffa. Hemm kienet tiddawwar passaperla li tifforma wkoll ħolqa biex tiddendel mal-ganċijiet. Il-ganċijiet kienu jwaħħluhom mal-faċċata u l-kolonni tal-bini jew knejjes f'għamla ta' disinn artistiku, u t-tazzi b'hekk u bl-ilwien tagħhom kienu jagħmlu dehra mill-isbaħ.

Imma dawn kienu jridu jixegħluhom. Għal dan l-ewwel kienu jimlewhom biż-żejt meta jkunu f'posthom, u ġewwa jqiegħdu ċimblor bil-ftila. Dan iċ-ċimblor kien ikun biċċa landa mdawra qisha bokkin bi tliet taqsimiet isfel jinfetħu bħal saqajn, u

jistrieħ wieqaf fit-tazza. Biex jixegħluhom kienet battikata oħra, imma kien hemm irġiel esperti f'dan ix-xogħol. Kellhom landa għamla piramidali, mimlija bil-pitrolju, b'żennuna twila u rqiqa fuq naħa waħda u manku fuq l-oħra. F'din iż-żennuna kien hemm ftila mixgħula. Biex jixegħlu t-tazzi, kienu jmejlu ż-żennuna li minnha kienet taqa' qatra pitrolju mixgħul għax jgħaddi mill-ftila, u din il-qatra mixgħula taqa' fuq iċ-ċimblor u ż-żejt. L-irġiel l-aktar esperti ta' dan ix-xogħol kienu saħansitra jiddendlu mal-faċċata tal-knisja u jitbandlu bil-landa mixgħula f'idejhom, filwaqt li jqattru l-miċċa fit-tazzi, bl-akbar ħeffa.

Fit-toroq kienu jarmaw bħal linef u pavaljuni tal-ħadid irqiq, iddisinjati mill-isbaħ, u magħhom kienu jwaħħlu t-tazzi taż-żejt. Kienu għadhom jintużaw ukoll sas-snin erbgħin f'xi rħula Għawdxin fejn kien għadu ma wasalx id-dawl elettriku.

Fl-istess żmien tat-tazzi bdew deħlin dwal oħra li kienu jibbrillaw aktar, imma kienu jiswew ħafna u xi drabi perikolużi. Kien hemm id-dawl ta' l-aċetilena. Dan kien gass li kien isir billi jqiegħdu f'tank, ġebel tal-*calcium carbide* li hawn kienu jafuh bħala "faħam abjad", u jagħlquh billi fuqu jqiegħdu tank ieħor bl-ilma. Meta jqattar l-ilma fuq dan il-"faħam abjad" joħroġ il-gass ta' l-aċetilena li kien jgħaddi minn pajpijiet irqaq apposta u jmur fejn ikun hemm il-lampi. Meta tixgħel, l-aċetilena tagħmel dawl brillanti. Kienu jużawh f'xi knejjes. Fil-festi ġieli kienu jarmaw l-apparat f'xi remissa jew kamra, u fit-triq mal-ħajt tagħha jqiegħdu xi anġlu bil- linfa f'idu, biex din tixgħel b'ħafna dawl. Din l-aċetilena kienu jużawha wkoll fil-lampi tal-karozzi u tar-roti, kif ukoll fanali li kienu jimxu mal-baned u jiddendlu minn tal-qubbajd.

Il-gass kien jintuża biss f'ċerti knejjes qabel ma qalbu għall-elettriku, imma kien perikoluż, jiswa ħafna u kien jgħaddi bil-pajpijiet taċ-ċomb, għax iċ-ċilindri kienu għadhom ma bdewx.

Meta kiber it-tiżjin u twalu l-purċissjonijiet, imma ma kienx għadu beda d-dawl elettriku, ħafna nies kienu jixegħlu l-gallarija tagħhom b'fanali bix-xema'. Mal-panewijiet taż-żaqq tal-gallarija kienu jwaħħlu ħoloq, u fihom kienu jdaħħlu *bracket* mgħawġa għamla ta' esse, u magħha kien jeħel il-fanal li kien ikun ħolder għax-xemgħa, u tubu tal-ħġieġ kbir, abjad jew imlewwen bħalma kienu jkunu t-tazzi taż-żejt fit-toroq. Ma' gallariji antiki qrib il-knisja parrokkjali għadna nsibu l-ħoloq fejn kienu jeħlu l-fanali tal-festi.

Għad hemm irħula, l-aktar f'Għawdex, li minflok pavaljuni tad-drapp, idendlu disinji tal-ħadid fuq l-istess stil ta' meta kien hemm it-tazzi taż-żejt, imma minflok tazzi issa hemm bozoz.

*Guido Lanfranco*